MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 2064/2003

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra, Ingilterra**

**Vs**

**Grapevine Limited**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' Lm90.05c (disghin lira Maltin u hames centezmi) kwantu ghal Lm78.30c (tmienja u sebghin lira Maltin u tletin centezmu) Royalty dovuta bil-quddiem ghall-perjodu tas-6 ta' Jannar 2003 sal-5 ta' Jannar 2004 in konnessjoni mal-licenzja numru 9683 rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut b'liema licenzja l-konvenut qieghed jigi moghti d-dritt li jxandar lil pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment “Grapevine Bar Restaurant”, Bugibba u Lm11.75c (hdax il-lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Is-socjeta' attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-Avviz, komprizi dawk tal-ittra legali tal-15 t'April 2003 kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta baqghet kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------